MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 362/2008

**PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA`**

**VS**

**LUDGARDO SIVE RICHARD ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ludgardo sive Richard Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 578145(M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, f’xi perjodu bejn Jannar 2006 u Lulju 2006, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falzifikat;

Kif ukoll talli fl-stess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkorrompa lil Danilo Bezzina, skrivan impjegat ma’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta (ADT) u minhabba dan, Danilo Bezzina naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenzi ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza`

dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannu ta` l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta (ADT).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat tas-16 ta` Gunju 2011;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe l-Artikoli 18, 183, 184,188, 189, 115 (c), 120, 308, 309, 17, 31, 533.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti ddifferiet din il-kawza ghas-sentenza fit-13 ta` Frar 2012;

Illi din il-Qorti qed tiehu inkonsiderazzjoni li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontrih fis-seduta tas-16 ta` Gunju 2011;

L-imputat inghata z-zmien stipulat mill-ligi sabiex jaghmel ri-pensament tal-ammissjoni tieghu u l-istess rega` ammetta;

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Fir-rigward tal-piena din l-Qorti wara li rat:

1. Il-Fedina penali retta tal-imputat;

2. L-eta` avvanzata tieghu;

3. Il-ko-operazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet investigattivi;

Illi l-imputat in vista tal-ammissjoni tieghu qieghed jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u din il-Qorti qieghdha tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2). Minhabba r-ragunijet su esposti pero, din il-Qorti qieghda tordna li dan il-perjodu ta` sentejn (2) ma jibdiex isehh sakemm fi zmien erbgha (4) snin mil-llum l-imputat ma jinstabx hati ta` reat iehor li ghalih hemm piena ta` karcerazzjoni a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta.

A tenur tal-Artikolu 115 u kif jitlob l-Artikolu 119 qed tigi applikata l-Artikolu 120 illi permess tieghu l-Qorti qieghda timponi interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------